MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 31

[Nhar it-Tlieta t-22 ta' Novembru 2016]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Joseph Galea – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Schembri – Kunsilliera
Jeremy Cardona– Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

### ASSENTI

N/A

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippresjeda l-laqgħa.

## 31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

31.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Ralph Mangion qal illi se jkun ftit tard.

## 31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

31.2.1 B'referenza għal punt 30.2.1, il-kunsillier Joseph Galea qal illi s-sur Else kellu juri l-permessi ta' TM/MEPA u wara kellhom imorru fuq il-post ħalli jagħti l-approvazzjoni. Hu qal illi qatt ma rċieva xejn u qatt ma ltaqa mas-sur Else barra l-laqgħa li kellhom fl-uffiċju tas-Sindku, u fejn informa lis-sur Else x'hemm bżonn. Dan avolja li s-sur Else qal illi kellu l-approvazzjoni tas-sur Galea.

31.2.2 B'referenza għal punt nru. 30.2.2 il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi fil-fehma tiegħu ma wasalna mkien bis-sitwazzjoni tat-traffic lights tax-Xatt. Is-sur Cardona qal illi l-punt tiegħu dejjem kien illi għandhom jaħdmu l-ħin kollu. Is-Sindku fakkar illi TM ħadu d-deċiżjoni u li hu ma qabilx magħhom. Il-Kunsill qabel illi nressqu talba biex ikun hemm, mill-inqas, sett illi jiffunzjona sew il-ħin kollu.

**Is-sur Ralph Mangion daħal fis-5.55pm**

31.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat lil TM dwar l-istage 'Librerija' ġo Sliema Road iżda mid-dehra ma ħadux azzjoni [ref punt 30.2.3].
Il-kunsillier Joseph Galea ppropona li nitrasferixxu l-istage li hemm f'Sliema Road għal Rue D'Argens ['Vilhena']. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi l-istage xorta tintuża. Is-Sindku qal illi xorta waħda se jkun hemm stage hemmhekk meta jiftħu Kappara Junction. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna niddiskutu l-istimi tal-istage 'Vilhena' iżjed tard fil-laqgħa.

## 31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

31.3.1 Is-Sindku qal illi TM qablu mal-proposta tal-Kunsill Lokali rigward is-sistema ta' One Ways f'triq Giacint Tua u Wied il-Kappara. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb ix-xiri tat-tabelli. Qablu wkoll mal-No Parking hours [Mon sa Fri bejn is-1pm u 2.15] ġo Maria Teresa Spinelli Str..

31.3.2 Is-Sindku ppropona li niddiskutu Traffic Management System għal-lokalita fejn nieħdu ħsieb illi jkun hemm Public Consultation Meeting mar-residenti. Il-proposta ġie sekondjat mis-sur Joseph Galea. Fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill se jiddiskuti s-sistema ta' Traffic Management.

31.3.3 Qal illi l-kunsilliera kollha rċevew invit biex jattendu għall-kunċert Strumentali tal-Każini tal-Baned ġot-Teatru Manoel, fil-11 ta’ Diċembru 2016. Il-kunsilliera għandhom jikkonfermaw l-attendenza tagħhom.

31.3.4 Irċevejna talba minn avukat Sqalli biex napplikaw għall-fondi tal-UE flimkien ma lokalitajiet Taljani. Dawn il-proġetti għandhom x’jaqsmu mal-Crafts u mal-Heritage Sites. Qal illi l-Kunsill m’hu se joħroġ xejn. Il-Kunsill qabel illi namalgamaw magħhom.

31.3.5 Is-Sindku rringrazzja lis-sur Alex Zammit għall-ħidma tiegħu għall-attivita ta’ nhar il-Ħadd 20 ta’ Novembru 2016 [World Children’s Day]. Il-kunsilliera rringrazzjaw lis-sur Zammit ukoll. Kien hemm ftit affarijiet li wieħed jista jirranġa iżda kien hemm qbil illi kien suċċess. Is-Sindku qal illi s-sur Zammit ma setax ilaħħaq waħdu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bżonn ta’ kumitat meta dawn it-tip t’attivitajiet isiru sew.

## 31.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

31.4.1 Il-kunsillier Jeremy Cardona staqsa x’se jsir fil-ġnien [Kunsill t’Ewropa] peress illi kien imsemmi fil-baġit. Is-Sindku qal li s-sur James Piscopo, f’isem TM, kien ressaq suġġeriment biex isir upgrade tal-Marina. Żied illi hu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kien mar għand l-AG u qal illi ma riedx illi l-ġnien titlaq minn taħt idejna. Il-Lands qablu miegħu.
Is-sur Chetcuti qal illi preferibbilment il-ġnien tingħalaq biex tkun iżjed sigura. Is-Sindku qal illi fl-ebda ħin m’għandna nititlfu t-titolu tal-ġnien. Il-Kunsill qabel.
Il-Viċi Sindku, is-sur Ralph Mangion staqsa kif se nkunu nafu x’qed jiġri. Is-Sindku qal se ssir RFP u li hu se jkun fuq il-bord tal-evalwazzjoni. Qal ukoll illi min jeħodha se jkun jaf illi huwa devolut lill-Kunsill.

31.4.2 Il-kunsillier Jeremy Cardona staqsa jekk il-Kunsill jista jagħmel talba ‘Merħba Il-Gżira’ f’triq Testaferrata. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawk huma f’idejn l-HSBC. Zied illi suppost ħadu ħsiebhom fil-bidu ta’ 2016.

31.4.3 Il-kunsillier Jeremy Cardona staqsa jekk il-gzirjani gawdu mill-attivita li saret nhar il-Ħadd 20 ta’ Novembru. Hu qal illi qabel mal-attivita u li ma jixtieqx jinstema ħażin iżda jħoss illi l-gżirjani kienu jippreferu jaraw li l-infieq li nfaqna investit fit-toroq minflok. Il-kunsilliera Graziella Schembri ma qablitx u qalet illi l-Kunsill ma jipprovdix biss affarijiet materjali u li bħala lokalita ħadna isem tajba. Il-kunsillier Wayne Hewitt qabel u qal illi qatt ma ra daqshekk nies fil-lokalita. Is-Sindku qal illi fil-bidu kien hemm il-ħsieb illi se nirċievu fondi. Qal illi issa hemm min hu lest jgħin finanzjarjament, għas-sena d-dieħla. Il-kunsillier Neville Chetcui qal illi tajjeb illi naħdmu bi baġit. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill għandu jalloka baġit għal dawn it-tip t’attivitajiet u naqbżu l-ammont biss f’każ illi nirċievu għajnuna.

## 31.5 Rapporti

31.5.1 Il-kunsilliera rċevew ir-rapport finanzjarju bejn l-1 ta’ Jannar 2016 u l-20 ta’ Settembru 2016. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu bżonn l-approvazzjoni qabel ma ssir il-

mid-term audit fil-bidu ta' Diċembru. Wara diskussjoni qasira l-kunsilliera approvaw ir-rapport.

31.5.2 Is-Segretarju ppreżenta rapport rigward l-infrastruttura tal-I.T. Il-Kunsill qabel illi nixtru li hemm bżonn. Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport tal-I.T Officer tal-Kunsill u avża li hemm bżonn madwar €10,000 għall-upgrade. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna noħorġu tender għax-xiri tal-P.Cs [4 total], stimi għall-UPS u Direct Orders għall-iswitch u RAM. Is-Sindku qal illi s-sena d-dieħla l-PC's li għandna għandhom ikunu written-off.

31.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi KNPD bagħtu rapport rigward nuqqas t'aċċessibilita fejn il-knisja minħabba l-bollards illi hemm f'triq Manoel de Vilhena u triq Carlo Manche. Is-Sindku qal illi dawk saru minħabba l-fatt illi kien hemm min kien jipparkja fuq il-bankina.
Il-Kunsill qabel illi navzaw lil Kappillan rigward ir-rapport illi rċevejna ħalli jkun jaf għalfejn tneħħew. Il-Kunsill se jevalwa proposta biex fil-futur isir pedestrian area.

31.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi KNPD bagħtu rapport rigward nuqqas t'aċċessibilita f'triq Turu Rizzo peress illi m'hemmx kerbs u minħabba l-preżenza ta' taraġ. Il-Kunsill qabel illi, wara li mmorru nkejlu l-area, nagħmlu siġar fuq il-bankina u nibnu bankina oħra fejn ikun hemm aċċess għan-nies.

**Il-kunsillier Joseph Galea ħareġ mill-kamra tas-seduti fit-7.44pm**

31.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi GreenPak, kif ukoll GreenMT applikaw għall-Expression of Interest għall-kuntratt rigward il-ġbir tal-iskart riċiklabbli. Wara li l-kunsilliera ġew innotifikati rigward il-ftit differenzi li kien hemm fil-proposti, qablu li qatt ma kien hemm problemi mal-GreenPak u għalhekk qablu li jieħdu l-kuntratt darb'oħra. Il-kunsilliera Graziella Schembri pproponiet l-aċċettazzjoni tal-Greenpak. Is-Sindku ssekondjaha.

**Il-kunsillier Joseph Galea daħal lura fit-7.48pm**

31.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qara rapport tal-kunsillier Joseph Galea fejn spjega r-raġunijiet għalfejn għandu bżonn l-għajnuna biex iwettaq ix-xogħol tal-kumitat tal-anzjani. Il-kunsilliera Graziella Schembri qalet illi l-persuna għanda testendi s-servizzi għan-nies bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll għal dawk bi problemi soċjali. Is-Segretarju qal illi jħoss illi għandna noħorġu kuntratt għax m'hemmx ir-riżorsi biex isiru mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

31.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill irċieva proposti biex isiru 4 tower cranes ġodda fil-lokalita. Il-Kunsill ma qabilx peress illi ma kienx hemm l-informazzjoni neċessarja [per eżempju l-qies ta' kull Tower Crane]. Il-Kunsill m'hu se jaċċetta l-ebda Tower Crane f'area fejn diġà hemm oħrajn.

31.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv talab illi l-kunsillier ilestu r-rapport rigward ir-RESERVED, Un/Loading bays fir-raħal.

## 31.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

31.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba biex isir laqgħa biex il-Kunsill jiddiskuti l-policy għall-kirja tas-Swali. Il-Kunsill qabel illi nieħdu deċiżjoni qabel il-laqgħa li jmiss.

31.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba mill-AGM biex jagħmlu riċeviment għall-anzjani tal-lokalita f'waħda mis-Swali tal-Kunsill. Il-proposta għaddiet b'erbgħa voti kontra tnejn. Is-Sindku, Viċi Sindku, il-kunsillier Jeremy Cardona, Graziella Schembri u Wayne Hewitt qablu. Il-kunsilliera Joseph Galea u Neville Chetcuti ma qablux. Il-Viċi Sindku Ralph Mangion astenja. Ir-riċeviment se ssir fid-9 ta' Diċembru.

**Il-kunsilliera Wayne Hewitt u Graziella Schembri telqu mill-kamra tas-seduti fit-8.20pm**

31.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-irħas stima li rċieva għall-istage tal-karrozza tal-linja kien ta' €2550. Qal illi dawn mhumiex skond l-ispecs ta' TM iżda huma l-istess specs ta' stages eżiztenti f'lokalitajiet oħra. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hemm ċans illi neħduha b'xejn. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm tender ta' TM iżda se jirċievu applikazzjonijiet sa Jannar u wara hemm perjodu għall-appelli, u li għandhom stages oħra fil-lista tagħhom qabel tagħna.

31.6.4 Is-Sindku fakkar illi għandna nneħħu l-ħadida li hemm fix-Xatt, fejn kien ħabat wieħed bil-vettura, għax hemm periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jieħu ħsieb.

31.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sena l-oħra l-Kunsill kien approva €4200 għad-dekorazzjonijiet tal-Milied. Ressaq talba biex nuzaw servizz ta' kumpaniji differenti biex naqsmu l-ispejjez. Qal illi se nordnaw l-istess affarijiet għall-prezz ta' €3250 izda li d-dawl se jkunu tal-Kunsill [xiri u mhux kirja] biex nibdew niffrankaw l-ispejjez fil-futur. Il-Kunsill qabel.

**Fit-8.30pm is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat. Il-kunsilliera preżenti qablu li nkomplu niddiskutu l-items fuq l-Aġenda.**

31.6.6 Wara diskussjoni l-kunsilliera qablu li nixtru CCTV cameras. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna noħorġu Expression of Interest ħalli jiġu sal-Kunsill u jagħtu proposti biex naraw kif għandna naħdmu. Il-Kunsill qabel.
Il-Kunsill qabel ukoll illi naraw il-liġi sew peress illi huwa rappreżentant tal-Kunsill li rrid joqgħod jitla jixhed il-qorti u ma jistax ikun illi naħdmu hekk.

31.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv talab illi joħroġ submission period għat-tender tal-karrozza ta' ġimagħtejn u mhux erbgħin ġurnata. Il-Kunsill qabel.

31.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu t-tender tal-Bulky Refuse lest u kien qal illi hemm bżonn illi l-kuntrattur jaħdem darbtejn fil-ġimgħa. Staqsa jekk il-kunsillier jemmnu illi għandna nipprovdu servizz tlett darbiet fil-ġimgħa. Is-Sindku ppropona li

jaħdem darbtejn fil-ġimgħa bil-kundizzjoni li jekk naqbżu ġimagħtejn fil-waiting list, noffru ġurnata extra fuq każijiet individwali. Il-kunsillier Neville Chetcuti ssekondja l-proposta tas-Sindku.

31.6.9 Il-Kunsill qabel illi l-handyman għandu jieħu ħsieb il-qtugħ tal-ħaxix fir-raħal.

31.6.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi beda jaħdem fuq it-tender tal-Landscaping. Qal illi kien maqsum fit-tnejn, manutenzjoni tal-ġnien u tas-Soft Areas. Qal illi ħass illi peress illi se ssir xogħol fil-ġnien għandna noħorġu t-tender unit-based ħalli f'dak il-perjodu ma nkunux obbligati li noħorġu l-flus meta x-xogħol mhux se ssir. Qal ilil bagħat lid-DLG biex jagħtu l-opinjoni tagħhom. Il-kunsilliera qablu.

31.6.11 Is-Sindku qal illi s-sid ta' Savoy Gardens issuġġerixxa li nagħmlu ċens rigward l-użu tas-sala li hemm fil-bini. Qal illi dan kellu jkun tal-Kunsill bħala kumpens għall-binja li saret. Wara diskussjoni l-kunsilliera qablu li nħalsu t-taxxa u tkun tagħna.

31.6.12 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-kunsilliera biex, sal-laqgħa li jmiss, kulħadd jirranġaw sabiex niffissaw ġranet u ħin għal-laqgħat ta' 2017

## 31.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

31.9.1 Il-Kunsill approva l-PAS.

## 31.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

31.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-9pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Jannar 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |